MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Numru 369/1999

Il-Pulizija
(Sp Pierre Micallef Grimaud)
vs
Martin Cilia, iben Emanuel,
imwieled Pieta' fis-7 ta' frar, 1965

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta' settembru, 1998 għal ħabta tal-11.00 p.m. fi Triq Ġorġ Borg Olivier, San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor fi perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Mercieca, skond ma ċċertifikat it-Tabib Dr. Lucienne Attard M.D. ta' l-isptar San Luqa;
2. talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew b'għajjat, jew b'mod ieħor.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' awissu, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
(a) fl-artikoli 214 u 216 tal-Kodiċi Kriminali; u
(b) fl-artikolu 338(m) tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' settembru, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat, lill-prosekuzzjoni u lill-avukat tal-'parte civile'.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat għal ħabta tal-11.00 p.m. tas-6 ta' settembru, 1998 marru l-għassa ta' San Ġiljan u irraporta li hu kellu xi jgħid ma persuna li ma kienx jaf x'jisimha. Dan l-inċident kien ġara fil-bar li jisimu 'City of London'. Dan l-argument kien fuq xi nisa. F'dan l-inċident l-imputat qal lis-surġent ta' l-għassa li hu kien ġie aggredit minn dan ir-raġel b'fliexkun tal-birra u waqt il-ġlieda l-imputat ġidem sebgħa ta' din il-persuna. L-għada fil-għodu għal ħabta
tal-11.00 a.m. mar l-għassa Vincent Mercieca fejn informa lis-surġent li tnax il-siegħa qabel hu kellhu xi jgħid ma l-imputat u konsegwenza ta' aggressjoni da parti ta' l-imputat hu sofra "amputation of the distal phalanx of the left ring finger".

Illi mix-xhieda tat-tabiba jirrizulta li din hi ferita ta' natura gravi.

Illi mix-xhieda ta' Vincent Mercieca, il-midrub, jirrizulta li l-imputat ftit wara li hu daħal f'dan il-bar mar fuqu u aggredih. Hu pprova jiddefendi ruħu iżda konsegwenza

ta' din l-aggressjoni, l-imputat ħataflu subajgħ u qatgħu barra. Mix-xhieda ta' Vincent Mercieca ma jirrizulta xejn li minnha tista' tasal 'l għaliex hu ġie aggredit.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta l-oppost. Vincent Mercieca, wara li offra x'jixrob lill-imputat, qabad fliexkun tal-birra u ta daqqa bih lill-imputat. L-imputat prova jiddefendi ruħu u spiċċa li ġidem lil Vincent Mercieca.

Illi l-uniku xhud li ġie prodott hu dak ta' ċertu Ivan Sammut, ħabib ta' l-imputat, li jgħid li hu ra lil Vincent Mercieca jagħti daqqa ta' fliexkun lill-imputat. Meta ġara dan il-fatt hu ma kienx ħdejn la l-imputat u lanqas ħdejn Vincent Mercieca.

Illi jirrizulta li dak in-nhar dan il-bar kien mimli nies u bil-kemm wieħed seta' jiċċaqlaq. Ir-raġuni għaliex bdiet din il-ġlied mhiex ċara xejn, anżi kien hemm ċerta riluttanza dwar 'l għaliex din il-ġlieda.

Illi l-uniċi fatti ċerti huma li Vincent Mercieca tilef parti minn subajgħ u l-imputat qala daqqa ta' fliexkun u li nqala l-istorbju f'dan il-post.

Illi mhemmx dubju li anki jekk Vincent Mercieca ta bidu għal din il-ġlieda,
ir-reazzjoni ta' Martin Cilia għal dik il-provokazzjoni kienet sproporzjonata. Qatt ma hu ġustifikat li persuna tiġdem lill-oħra. F'dan il-każ, mhux talli jekk iżda li jasal li bil-ġidma jiġi amputat parti minn sebagħ juri ċerta vjolenza u ċerta rabja qawwija.
Fil-fehma ta' din il-Qorti, kien Vincent Mercieca li ta bidu għal dan l-inċident iżda l-imputat xorta hu responsabbli għall-ferita gravi li hu kkometta fuq il-persuna ta' Vincent Mercieca, salv dak li ntikeb hawn fuq.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 338(m) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-

perjodu ta’ erba’ snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------